MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## LAWRENCE QUINTANO

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2012

Appell Kriminali Numru. 111/2011

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Louis Ellul**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Akkuzat talli f'Hal Luqa fix-xahar ta' Awwissu 2007 u matul ix-xhur ta' wara:

Mingħajr awtorizzazzjoni uża computer jew xi taghmir iehor f'xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appogg li jinzammu f'dak il-computer jew f'xi computer iehor, jew uza, ikkopja jew immodifika kull data, software jew

dokumentazzjoni ta’ appogg bhal dawk; (Ch 9 sec 337C 1a);

Talli wkoll fl-istess zmien u cirkostanzi ghamel output ta’ xi data, software jew dokumentazzoni ta’ appogg mill-computer li jkunu qeghdin jinzammu fih, jew billi dawn jittellghu bi xbiha jew b’kull mod iehor li jkun (Ch. 9 337C 1b);

Talli wkoll fl-istess zmien u cirkostanzi kkopja kull data, software jew dokumentazzjoni ta’ appogg ghal kull medjum ta’ hzin li ma jkunx dak li soltu jinzamm fih jew ghal imkien differenti fil-medjum ta’ hzin fejn soltu jinzamm; (Ch. 9 sec. 337C 1c);

Talli wkoll fl-istess zmien u cirkostanzi ha pussess ta’ xi data, software jew dokumentazzjoni ta’ appogg jew ghamel uzu minnhom. (Ch. 9 sec 337C, 1f).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-21 ta’ Frar, 2011 fejn wara li rat l-Artikoli 17(h), 337C (1) (a), (b) (c) u (f) fejn dawn jigu assorbiti kollha f’reat wiehed, u Art 337F (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-imputat Louis Ellul ħati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u tikkundannatu multa ta’ elf u hames mitt Ewro (EUR 1,500)

Rat ir-rikors tal-appellant minnu ppreżentat fl-1 ta’ Marzu, 2011 fejn talab lil din il-Qorti thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza fl-ismijiet premessi u konsegwentement tillibera lill-akkużat minn kull htija, alternattivament tirriforma s-sentenza billi tikkonferma s-sejbien ta’ htija ta’ dawk l-akkuzi li l-Qorti jidhrilha li ghandha tikkonferma u tvarja l-piena inflitta u tissostitwiha ghal wahda aktar mita u gusta u dan skond dawk il-provvedimenti li l-Qorti jidrilha xierqa u opportuni.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, huma s-segwenti w cioe':-

1) Illi l-ewwel aggravju tal-esponent jikkonsisti filli l-Ewwel Onorabbli Qorti ma ghamlitx apprezzament tac-cirkostanzi kollha quddiemha, in partikolari l-fatt li l-kompjuter in kwistjoni jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti li hemm bejn l-appellant u l-parte civile liema kompjuter huwa uzat kemm mill-imputata, kemm minn martu kif ukoll minn binthom minorenni. Hawn il-Qorti inferjuri naqset li tqis id-dritt ta' uzu tal-haga mizmuma in komuni b'mod li toffri liz-zewg partijiet drittijiet ugwali u d-dritt ta' protezzjoni fl-uzu tal-haga in komuni.

Il-Qorti inferjuri ma tatx konsiderazzjoni tal-fatti speci ta' dan il-kaz f'dak li huwa dritt tal-konjugi li tkun taf dak li qed taghmel il-parti l-ohra bl-affarjiet ta' propjeta` in komuni;

2) Illi t-tieni aggravju jikkonsisti filli l-ewwel Onorabbli Qorti ma tatx importanza dovuta lill-fatt li l-appellant kellu jiehu passis biex jaccerta li dan il-kompjuter ma kienx mezz li jwassal ghat-tifrik taz-zwieg tieghu minn mal-parte civile.

3) It-tielet aggravju jikkonsisti filli l-Qorti inferjuri waqt li indirizzat id-differenza intrinsika bejn sid u l-administrator naqset li tikkonsidra l-fatt primarju f'dan il-kaz meta is-sid huwa fl-istess hin l-administrator tal-oggett mizmum u utilizzat in komuni. L-Ewwel Onorabbli Qorti assimilat u ghamlet paragun xejn felici bejn cirkostanzi li jezistu fil-Korp tal-Pulizija ma dawk li jeżżstu fiż-żwieġ. It-tixbiha li ghamlet l-ewwel Qorti bejn dak li jsir fil-korp tal-Pulizija u dak li jsir taht ir-regim matrimonjali ma huwiex paragunabbli, dan billi filwaqt li l-Kummissarju huwa is-sid (delegat) u huwa differenti mill-administrator tal-kompjuter, fil-kaz odjern ghandek is-sid attwali u l-administrator f'persuna wahda. Dan ghalhekk ibiddel ghal-kollox il-parametri li fuqhom il-Qorti għandha tagħmel l-evalwazzjoni taghha.

4) Illi r-raba` aggravju jikkonsisti filli ghalkemm huwa korrett dak li qalet l-Ewwel Onorabbli Qorti li fir-reati adebitati il-kliem ‘mingħajr awtorizzazzjoni’ huma l-pern tar-reati jew meno f’dan il-kaz, jkun assurd li wiehed jippretendi li persuna li hija kemm is-sid u l-amministratur jitlob awtorizzazzjoni lilu nnifsu sabiex jagħmel xi haga fuq il-kompjuter tieghu u minnu utilizzat.

Illi jkun daqstant mhux felici li wiehed jippretendi li fuq il-kompjuter fejn is-sid huwa l-amministratur, dan jaghmel xi forma ta’ twissija li jindika jew jgharraf lill-min ser jusza dak il-kompjuter li dak li ser jaghmel fuqu jista jkun maghruf mis-sid.

5) Illi l-hames aggravju jikkonsisti filli l-Qorti inferjuri naqset li tikkonsidra l-fatt rizultanti mix-xhieda li mart l-imputat kienet ben konsapevoli li r-ragel tagħha mhux biss huwa computer literate, izda wkoll li huwa kien l-‘administrator’ u bħala tali seta jara kull ma hija kienet qed taghmel.

Jekk hija għażlet li tinjora dan il-fatt u hadet ir-riskji li hadet billi uzat hazin dan il-kompjuter propjeta` in komuni biex bih taghmel hsara irreparabbli lill-ħajja matrimonjali, ma tistax issa tghajjat ‘foul’ billi kienet l-azzjoni hazina taghha li nkixfet u issa qed titlob protezzjoni tal-Qorti ghall-ghemejjel zienja taghha, purament ghax inqabdet u ħalliet traċċi fuq computer propjeta` tal-komunjoni u ghalhekk propjeta’ wkoll tal-appellanti.

6) Illi s-sitt aggravju jikkonsisti filli l-Qorti inferjuri naqset li l-ewwel tagħmel apprezzament tad-dokumenti quddiema esebita u filwaqt li tiddistingwi bejniethom skond anke ix-xheda tal-Pulizija (Supt Paul Caruana), u ix-xhieda tal-imputat.

Illi dan qed jinghad billi d-dokumenti esebiti huma fattwalment rizultat ta’ tlett istanzi partikolari, fosthom il-‘history files’, ‘cookies’, ‘temporary files’ u ‘key logger/screen shot recorder’. Illi filwaqt li l-ewwel tlett istanzi huma files krejati mill-kompjuter awtomatikament fir-raba’ istanza dawn huma rizultat ta’ programm installat

mill-imputat sabiex ikun jaf x'uzu qed isir mill-kompjuter. Ghal kjarezza id-dokument esebit (li jikkontjeni 76 faccata), qed jinqasam fi tliet kategoriji dawk ta' Kat 1huma dawk li jinsabu fil-'History, cookies u temporary internet files', dawk Kat 2 li huma rizultat tal-programm installat li jaqbad il-'key logger u screen shot recorder', u dawk ta' Kategorija 3 li ma humiex computer generated. F'dan il-kaz il-pagni 52-54, 56-60 u 67-68 huma tal-ewwel Kategorija (Kat1). Il-pagni minn 1-33, 35-51, 55, 61-66 u 69-76 huma tat-tieni kategorija (Kat 2) filwaqt li pagina 34 hija tat-tielet kategorija (Kat 3).

Illi fin-nuqqas tal-Ewwel Onorabbli Qorti inferjuri li tiddikjara liema huma dawk l-azzjonijijet li taghhom sabet lill-imputat hati jaghti stampa xejn cara tad-dokumenti esebiti u allura jigi kkreat dubju li anke dawk il-funzjonijiet normali tal-kompjuter jistgħu ikunu milquta bl-interpretazzjoni tal-ewwel Qorti.

Illi n-nuqqas ta' kjarezza f'dan l-istadju taghti lok ghal interpretazzjoni zbaljata kemm tal-ligi kif ukoll tal-fatti speci u l-operat tal-kompjuter f'dan il-kaz billi tpoggi kull gbir ta' data mill-kompjuter bħala waħda illegali.

Illi galadarba il-Qorti inferjuri ghogobha tishaq fuq il-kliem minghajr awtorizzazzjoni, tohrog waħedha f'dawn ic-cirkostanzi il-mistoqsija jekk sid il-kompjuter jistax jaċċedi ghal dak li tkun giet storjata awtomatikament mis-sistema, irrelevanti minn min uza l-kompjuter.

Jekk ir-risposta hija li kull access huwa hekk milqut allura jekk xi hadd ihalli lil xi haddiehor juza l-kompjuter tieghu, dak ma jibqax l-amministratur tal-informazzjoni li hemm fih u hekk jigi negat id-dritt ta' amministratur ta' ħwejġu. Dan qed jinghad ghaliex fl-opinjoni umli tal-appelant huwa l-user li jrid jiehu hiseb li fl-ewwel istanza ma juzax hazin dak li gie lilu fdat u fit-tieni stanza, l-uzer m'ghandux ihalli warajh data personali b'mod li din taqa f'idejn haddiehor.

7) Illi s-seba` aggravju jikkonsisti filli l-Qorti inferjuri naqset li tikkonsidra c-cirkostanzi partikolari tal-kaz billi l-imputat, sabiex ikun jista` jikkonferma u jirregistra it-

tradiment minn martu, kellu bilfors jirrikori ghal rekordjar ta’ konverzazzjonijiet bil-miktub (chat logs) altrimenti tali azzjonijiet kienu jintilfu għal dejjem u l-imputat jibqa` jigi tradut ad insaputa u dan permezz ta’ hwejgu minn daru stess. Jigi rilevat ulterjorment li l-appelant uza software lecitu biex izomm kontroll tal-użu tal-kompjuter tieghu, bil-konsegwenza li martu inqabdet fl-azzjonijiet ħżiena tagħha.

Illi l-ligi taghna taghmel certi riservi fil-kamp kriminali fejn kemm fil-feriti, fl-insulti kif u ukoll fil-fastidju tħalli lok għad-difiza ġusta. Illi l-fatt li l-liġi f’dan il-kamp għadha ma ghamlitx tali riserva espressa, huwa fl-opinjoni tar-rikorrent nuqqas leġislattiv ikkagunat min-novita’ tac-cirkostanzi. Illi ghalkemm hemm dan in-nuqqas ta’ leġislazzjoni ma jfissirx li r-rikorrenti ma jistax jipprevalixxi ruhu mid-dritt tad-difiza affordat lilu ‘in generali’ mil-liġijiet u l-interpretazzjonijiet tagħhom mil-Qrati taghna.

8) Illi t-tmien aggravju, liema aggravju qed jitressaq mingħajr pregudizzju għall-aggravji gia mressqa, jikkonsisti filli fic-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-piena li giet inflitta hija wahda eccessiva.

Illi l-appellant għandu fedina penali nadifa u għalhekk fil-kaz odjern l-esponent ma jimmeritax piena karcerarja effettiva imma pieni aktar miti u li tirrifletti c-cirkostanzi f’dan il-kaz.

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur.

Ikkunsidrat

Dwar il-fatt ewlieni m’hemmx kontestazzjoni. Fix-xhieda tiegħu stess (fol 56 et) l-appellant xehed li hu kienu qed jiġuh ċerti dubji dwar martu. Għalhekk fil-computer – li huwa tiegħu u tal-mara għax dan huwa tal-komunjoni tal-akkwisti – huwa, bħala administrator, stalla programm li min qed juża l-computer ma jkunx jaf bih. Kull persuna li tilloggja fuq il-PC u tuża kull ħaġa possibbli l-programm jieħu keystroke recording, file format text u anke screen

shots. L-appellant kixef kollox waqt il-proċedura tas-separazzjoni tant li niżżel d-data relevanti u ppreżentha fil-Qorti. A fol 57 x-xhud semma d-dati in kwistjoni ta' meta sar dan bħala mill-15 ta' Settembru 2007 sad-29 ta' Novembru 2007. Martu kienet marret għand l-Ispettur Paul Caruana għall-bidu ta' Diċembru. 2007 (fol 56). Xehed ukoll li huwa uża l-passwords u l-accounts tal-mara meta kienu qegħdin jippruvaw jagħmlu rikonċilazzjoni. Huwa ma kellux għalfejn jidħol fl-accounts tal-mara tiegħu għax dak li tagħmel il-mara fuq il-computer kien qed jiġi rekordjat.

Kompla jixhed li minn ewwel paġna ta' Dok 1 sal-paġina 33 hemm il-keystrokes li kollha jiġu rekordjati permezz tal-programm imsemmi. Hemm kull ħaġa li kitbet martu fil-perjodi mniżżlin skont d-dati annessi ma' dawn il-karti. F'paġin 34 kien hemm ritratti tal-allegat boyfriend u screen shot li kien recorded waqt li martu kienet qed tiddilitja l-attivita' tagħha. Kemm hu u kemm il-mara kellhom administrative rights

Meta fil-kontro-eżami kien mistoqsi dwar l-allegat kunsens li tatu martu huwa qal li dan ġara minn nofs Diċembru 2007 'il quddiem.

Qabel xehed l-appellant kienet xehdet martu Sharon Ellul li qalet li kienu infurmawha li e-mail li bagħtet hi kienet qed tiġri fl-idejn. Kien l-appellant li ppreżenta d-dokument ġuramentat flimkien mal-affidavit fil-każ tas-separazzjoni. Hija qatt ma kienet għarrfet lil xi ħadd bil-passwords tagħha. Il-computer in kwistjoni kienet tużah hi għalkemm kellhom aċċess kemm hi kif ukoll l-appellant.
Fil-kontro-eżami għarfet il-passwords tagħha kif jidhru a fol 26. Dak kollu li kien inkluż fid-dokument kien jappartjeni lilha barra xi affarijiet li hemm fuq in-naħa ta' wara (paġni 52, 53, 54, 56, 57 58, 59, 60 ). Meta kien ikollha xi problemi fuq il-computer kien titlob l-għajnuna lill-appellant. Huwa kien l-administrator waqt li hija kellha diversi passwords (fol 28).

Xehed ukoll is-Supretendent Paul Caruana li spjega kif mart l-appellant kienet marret għandu u hut a parir li trid

tagħmel rapport fl-għassa għax is-Cyber Crime Unit hija support agency u tidħol meta tintalab l-għajnuna mill-Pulizija. Huwa spjega r-role ta' administrator li jvarja minn każ għall-ieħor. Huwa ta eżempju dwar kif għalkemm huwa l-administrator tal-computer tad-dar huwa ma jsitax jara l-e-mail tal-mara għax għandha l-password separat. Il-Keylogger iżommlok record ta' kull buttuna li qed tagħfas. Hemm apparat aktar sofistikat li bih tista' tirrikaverja ċertu text minn fqu il-computer u dan huwa l-aktar komuni. Bħala administrator huwa kien ta account lill-Kummissarju tal-Pulizija biss huwa ma għandux dritt jara x'hemm fl-ispazju tal-Kummissarju. Fil-każ tad-dar ma jistax jara x'kitbet martu fl-e-mail ħlief jekk jinstalla programm apposta. Iżda r-rwol tiegħu ta' administrator mhux suppost li jagħtuh dan id-dritt. Jekk il-Kummissarju jgħidlu biex jagħmillu kopja tad data tiegħi fuq CD, allura l-Kummissarju jkun tah l-awtorizzazzjoni biex jagħmel dan.

Xehed ukoll ir-reverendu Joseph Mizzi li qal li ma jiftakarx li kien ingħata xi tip ta' kunsens biex il-koppja taċċedi għall-e-mails ta' xulxin. L-għan tiegħu kien biss li terġa' tikber il-fiduċja f'xulxin u għal dan l-iskop ħtieġ li jkun hemm ċertu livell ta' trasparenza.

**Il-verbal tal-14 ta' Mejju, 2012**

Qabel ma tidħol fl-aggravji tal-appellant, il-Qorti qed tirreferi għal verbal li sar mid-difiża fl-14 ta' Mejju 2012 fejn id-difiża rrelevat li l-parti civili qed tirrinunzja għall-azzjoni kriminali skont kif kien miftiehem fil-kuntratt ta' separazzjoni u dan ai termini tal-artikoli 331 u 332 tal-Kap 9. Is-sentenza kienet ingħatat fil-21 ta' Frar 2011 u l-kuntratt sar fil-5 ta' Diċembru 2011, jiġifieri **wara** li kien sar l-appell. Il-kuntratt ta' separazzjoni kien ippreżentat fil-15 ta' Frar 2012 u l-Qorti ordnat in-notifika tiegħu lill-Avukat Ġenerali. Ma jirriżultax li kien hemm risposta u l-Qorti ddeċidiet li tilqa' t-talba.

Il-Prosekuzzjoni rrispondiet li ai termini tal-artikolu 337(f)(1) il-piena massima hija ta' erba' snin priġunerija u

għaldaqstant bl-applikazzjoni tal-artikolu 373 tal-Kodiċi Kriminali din l-azzjoni mhix rinunzjabbli.

Il-Qorti tirreferi għal dak li jipprovdi l-artikolu 543(a) tal-Kap 9 li jipprovdi hekk:

'It shall be lawful for the Police to institute proceedings even without the complaint of the private party in any of the following cases:

a) in the case of crimes for which the law does not expressly provide for the complaint of the private party is requisite;'

Issa l-artikolu 337 C(1)(2)(3)(4) **imkien** ma jgħid li biex jittieħdu passi kontra dak li jkun dwar computer misuse, tinħtieġ il-kwerala.

Isegwi li jkun hemm kwerela jew le, il-Pulizija tista' tmexxi l-każ jekk tkun taf bih kemm b'rapport, bi kwerela, b'informazzjoni jew b'xi mod ieħor.

L-abbli Difensur ikkwota d-dispożizzjoni 331 u 332 tal-Kap 9 li jirrikjedu l-kwerela meta ssir xi ħsara fil-projeta' tal-konjuġi barra f'xi eċċezjonijiet li ma japplikawx f'dan il-każ.

Bir-rispett kollu dawn l-artikoli jaqgħu taħt sub-titolu kompletament differenti – li huwa intiż biex jirregola l-**ħsara fiżika** li tista' ssir taħt ħafna aspetti. Id-dispożizzjonijiet dwar il-Computer Misuse jaqgħu taħt is-Sub-Titolu V u d-dispożizzjonijiet tiegħu huma intiżi biex irażżnu l-abbuż li wieħed jista' jagħmel minn apparat bħalma huwa l-computer jew xi equipment ieħor u mhux dwar il-ħsara fil-propjeta'. Il-leġislatur jipprova b'mod speċjali jikkontrolla l-kxif ta' data jew li wieħed jinterċetta b'mezzi tekniċi trasmissjonijiet ta' data li mhux pubbliċi.

Dan is-subtitolu żdied fis-sena 2001, ħafna wara li kienu daħlu fis-seħħ subtitoli l-oħra tal-istess Titolu. L-għan tiegħu huwa mhux jikkontrolla l-ħsara fiżika li tista' ssir lill-computer jew xi apparat ieħor. Għal dan il-Leġislatur kien ilu li pprovda b'mod ġenerali fl-artikolu 328. Għalhekk,

ukoll jekk l-artikoli 331 u 332 jaqgħu taħt il-provvedimenti ġenerali li jgħoddu għat-titolu, dawn baqgħu fl-istess post fejn kienu ilhom u l-Leġislatur la poġġa is-subtitolu V qabilhom u lanqas ma ċaqlaq id-dispożizzjonijiet ġenerali u għamilhom wara s-subtitolu V.

Għalhekk minħabba

(i) li n-natura tar-reati kontemplati taħt is-subtitolu V hija differenti min-natura tar-reati kontemplati taħt l-artikoli 331 u 332 tal-Kap 9;

(ii) li d-dispożizzjonijiet ġenerali taħt dan it-Titolu baqgħu jidhru immedjatament wara sensiela ta' artikoli dwar ħsara fuq il-propjeta' u ma tpoġġewx war s-subtitilu V, kif ukoll

(iii) li m'hemmx dispożizzjoni ad hoc dwar in-neċessita' tal-kwerela fis-subtitolu V tat-Titolu IX

il-Qorti qed tikkonkludi li l-artikoli 331 u 332 tal-Kap 9 ma japplikawx għal dan is-subtitolu u konsegwentement qed tiċħad is-sottomissjoni tad-difiża li t-tneħħija tal-kwerela ġġib fit-tmiem dawn il-proċeduri.

Il-Qorti issa ser tqis l-aggravji tal-appellant seriatim.

L-ewwel aggravju huwa li l-Ewwel Qorti naqset li tqis li l-computer huwa wieħed li jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti u li għalhekk hemm drittijiet ugwali fuq mill-konjuġi. Il-Qorti ma taqbilx ma' din is-sottomissjoni. Il-fatt li computer ikun tal-komunjoni tal-akkwisti ma jagħti ebda dritt lil xi parti li, mingħajr ma tkun awtorizzata, hija titkixxef fuq dak li jkun hemm storjat fl-account jew f'xi e-mail jew f'xi storage ieħor tal-parti l-oħra. Il-liġi ma tagħmel ebda eċċezzjoni meta l-computer ikun tal-komunjoni tal-akkwisti. Għalhekk il-Qorti qed tiċħad dan l-ewwel aggravju.

It-tieni aggravju huwa li l-appellant kien qed jieħu passi sabiex ma jħallix iż-żwieġ tiegħu jitfarrak. Dwar dan il-Qorti hija tal-fehma li huwa tajjeb li kull wieħed mill-konjuġi

jagħmel dak kollu li jista’ sabiex iż-żwieġ jibqa’ sħiħ. Iżda dna ma jfissirx li tista’ tieħu l-liġi f’idejk u taċċedi għal dak li hemm f’accounts tal-parti l-oħra mingħajr permess. Għaldaqstant il-Qorti qed tiċħad dan it-tieni aggravju.

It-tielet aggravju huwa li l-Ewwel Qorti naqset li tapprezza sew is-sitwazzjoni ta’ dan il-każ fejn is-sid huwa administrator ukoll. Skont l-appellant hemm baħar ta’ differenza bejn dak li jsir fil-korp tal-pulizija u dak li jsir taħt ir-reġim matrimonjali.

Bir-rispett kollu, il-Qorti ma taqbilx ma’ din is-sottomissjoni. Fl-ebda mument tal-proċess ma ngħad li ż-żewġ sitwazzjonijiet huma l-istess. Dak li ntqal huwa li **l-prinċipju ta’ fejn jista’ jidħol l-administrator** huwa l-istess. Dan ifisser li jista’ joħloqlok l-account u jirranġalek l-e-mail jekk trid iżda m’għandu ebda dritt li jkun jaf x’hemm fl-account jew fl-e-mail ta’ ħadd ieħor. Għalhekk il-Qorti qed tirrespinġi dan l-aggravju wkoll.

Ir-raba’ aggravju huwa li jkun assurd li wieħed li jkun sid u amministratur jitlob permess jew awtorizzazzjoni. Il-Qorti ma taqbilx ma’ din is-sottomissjoni. L-ewwelnett l-appellant mhxu l-uniku sid tal-computer għaliex il-konjuġi għandha drittijiet daqsu ġaladabra l-computer inxtara matul iż-żwieġ. It-tieni, lanqas li kien hu biss is-sid, il-fatt li persuna wriet fiduċja fik biex ittiha l-account ma jagħtik ebda dritt li titkixxef dak li jkun qed jagħmel ħadd ieħor mingħajr il-kunsens tiegħu. Id-dritt li tidħol fl-account tiegħek ma jfissirx li tista’ tidħol fid-data ta’ ħadd ieħor.

Il-ħames aggravju huwa li l-Ewwel Onorabbli Qorti naqset li tikkonsidra li mart l-imputat kienet taf li żewġha huwa computer literate u administrator iżda li bħala tali seta’ jara kulma kienet qed tagħmel. Issa mart l-imputat qed titlob il-protezzjoni tal-Qorti għall-għemil żieni tagħha.

Dan l-aggravju jimxi fuq l-istess binarji fuq aggravju oħrajn. Fil-fehma tal-Qorti l-fatt li mart l-imputat kienet taf li żewġha huwa computer literate u li qed jamminstra l-computer hu ma jbiddel xejn mill-pożizzjoni legali. Li kieku l-amministraturi tal-computers ma jkunux computer

literate, ara x'kaos ikun hawn. U jekk kulħadd joqgħod lura għax jaf li l-administrator tal-computer huwa ħadd ieħor, allura l-komunikazzjoni tieqaf ħesrem jew il-computer ma jintużax għall-komunikazzjonijiet serji. Fid-dinja tal-lum, din l-aħħar sitwazzjoni hija prattikament impossibbli.

U f'kull każ, bħalma diġa' ntqal, l-obbligu legali tal-awtorizzazzjoni jibqa' hemm. Għaldaqstant il-Qorti qed tiċħad il-ħames aggravju.

Is-sitt aggravju huwa li l-Qorti naqset li tagħmel apprezzament tad-dokumenti quddiemha. Bir-rispett kollu, mis-sentenza jirriżulta li l-Qorti tal-Maġistrati iffukat fuq il-kelma 'awtorizzazzjoni' u bniet il-konklużjoni tagħha fuq il-fatt li mart l-appellant ma kienet taf b'xejn dwar dak kollu li kien qed jagħmel żewġha (fol 80). M'hemm ebda dubju li l-appellant ma kienx ikun jaf x'hemm fl-emails tal-mara li kieku ma stallax il-programm. Kif qalet tajjeb il-Prosekuzzjoni waqt it-trattazzjoni 'Il-programm kellu jitniżżel biex jirraġġira l-password.' Il-Qorti tal-Maġistrati mkien ma qalet li dak li hu leċitu huwa ħażin u lanqas ma tat x'jifhem li qed tipprova tolqot kollox. L-Ewwel Qorti eżaminat jekk kienx hemm biżżejjed evidenza li xi data tttieħdet kontra l-liġi u sabet li kien hemm evidenza biżżejjed dwar dan. Għalhekk din il-Qorti mhix qed tara kif is-sentenza tista' tiftiehem ħażin. Wara kollox, meta xehdet Sharon Ellul, hija indikat dawk il-paġni li ma kinux jappartjenu lilha. Isegwi li ma jistax wieħed jasal għall-konklużjoni li l-Qorti tefgħet kollox f'qoffa waħda. Għaldaqstant il-Qorti qed tiċħad is-sitt aggravju.

Is-seba' aggravju huwa li l-Qorti tal-Maġistrati naqset li tapprezza li l-appellant ma kellux triq oħra x'jagħżel biex ikollu prova tat-tradiment ta' martu ħlief billi 'jirreġistra' dan it-tradiment. Huwa żied jgħid li fejn hemm ċerti riżervi fil-kamp kriminali f'artikoli oħra, il-leġislatur imissu ħaseb għal dawn ir-riżervi f'dan il-kamp ukoll.

Il-Qorti ma taqbel xejn ma' din is-sottomissjoni. Biex wieħed ikollu provi ta' xi fatt, m'għandu ebda dritt li jikser il-liġi biex iġib tali prova. Illum jekk waqt investigazzjoni

jkun jinħtieġ li l-investigatur jisma' telefonata bejn tnejn min-nies, ikun jintħieġ l-awtorizzazzjoni biex jagħmel dan. Ma jistax jaqbad u jissemma' jew jirrikordja mingħajr ma jkun awtorizzat. L-istess prinċipju għandu jgħodd għall-użu tal-komputer u għalhekk il-liġi tibda b'dik il-premessa kif jidher hawn taħt mis-siltier relevanti tal-artikolu 337Ċ għall-każ odjern.

.

'337.. (1) Persuna li **mingħajr awtorizzazzjoni** tagħmel xi wieħed minn dawn l-attijiet li ġejjin tkun ħatja ta'reat kontra dan l-artikolu

-

(a) tuża computer jew xi tagħmir jew apparat ieħor biex tidħol f'xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appoġġ. li jinżammu f'dak il-computer jew f'xi computer ieħor, jew tuża, tikkopja jew timmodifika kull data, software jew dokumentazzjoni ta' appoġġ bħal dawk;

(b) tagħmel output ta' xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appoġġ mill-computer li jkunu qegħdin jinżammu fih, sew billi dawn jittellgħu bi xbieha jew b'kull mod ieħor li jkun;

(ċ) tikkopja kull data, software jew dokumentazzjoni ta' appoġġ għal kull medjum ta'ħżin li ma jkunx dak li soltu jinżamm fih jew għal imkien differenti fil-medjum ta' ħżin fejn soltu jinżamm;

(f) tieħu pussess ta' xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appoġġ jew tagħmel użu minnhom;

(2) Għall-raġunijiet ta' dan is-Sub-titolu:

(a) persuna titqies li taġixxi mingħajr awtorizzazzjoni **jekk ma tkunx debitament awtorizzata minn persuna intitolata;'**

Ta' min jgħid l-ewwelnett li is-subtitolu dwar 'Misuse of Cirme' ittieħed mil-Liġi Ingliża. Jekk il-Leġislatur Ingliż ma pprovdiex ċerta riservi, la jfisser li l-Leġislatur irid bilfors jimxu miegħu iżda lanqas ta' bilfors li jżid ir-riservi li qed jikkontempla l-appellant.

Huwa tassew li l-każistika Maltija hija limitata dwar dan il-kamp speċjalizzat u l-Qorti rnexxielha issib eżempju ta' sentenza waħda biss (Sentenza tal-Maġistrati tal-23 t'April, 2008 – Il-Maġistrat kien min illum qed jippresiedi dan il-każ – li kienet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali, wara li appell l-Avukat Ġenerali). Iżda dan il-każ huwa fil-fehma ta' din il-Qorti aktar ċar mis-sentenza ċitata. U qed jirriżulta mhux dak li hemm fis-subinċiżi (a) (b) u (ċ) iżda wkoll dak li hemm fis-subinċiż (f) għaliex l-appellant ħa pussess (fis-sens kriminali tal-kelma – jiġifieri li jkollok kontroll u mhux bil-fors fis-sens tal-Kodiċi Ċivili – animus rem sibi habendi) meta huwa saħansitra pprintja l-materjal.

Għalhekk il-Qorti qed tiċħad ukoll dan l-aggravju.

It-tmien aggravju huwa dwar il-piena.

Il-piena hija fil-parametri tal-Liġi. Iżda l-Qorti qed tikkonsidra wkoll li skont il-kuntratt tas-separazzjoni, li ma kienx għadu finalizzat meta ngħatat l-ewwel sentenza, issa l-konjuġi mhumiex interessati aktar li jitkomplew il-proċeduri kriminali li kienu bdew kontra xulxin. Għalhekk qed tilqa' dan l-aggravju in parte billi tipprovdi għal piena oħra.

**Konklużjoni**

**Għaldaqstant il-Qorti qed tirriforma s-sentenza mogħtija fil-21 ta' Frar 2011 billi waqt li tikkonfermha fejn l-appellant instab ħati tal-imputazzjonijiet kollha kontrih bl-assorbiment skont l-artikolu 17(h) tal-Kap 9, qed tirriforma dik il-parti tas-sentenza fejn l-appellant kien ikkundannat iħallas multa ta' €1500 u minflok qed tikkundannah iħallas multa ta' elf Ewro (€1000).**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------